# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' l-24 t'April 2023**

**Talba nru. 91/2022**

**COLEIRO GENERAL SUPPLIES LTD**
**(C 3429)**

***VERSUS***

**PROXY SERVICE LIMITED**
**( C 43655)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fil-25 ta' Marzu 2022 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' disgha mija u sbatax-il Ewro rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' manutenzjoni ta' passenger lifts. Bl-Ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra illi permezz ta' nota, is-socjeta attrici ippremettiet illi fil-mori, s-socjeta rikorrenti irceviet l-ammont ta' tlett mija u hamsin Ewro minghand l-intimata Proxy Services Limited u ghaldaqstant l-ammont tat-talba qed jigi ridott ghal Eur 567.00.

Ra illi s-socjeta attrici irrikorriet ghall-affissjoni u ghall-pubblikazzjoni sabiex tinnotifika lis-socjeta konvenuta.(Fol.31).

Ra illi minkejja illi s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata permezz ta' dawn il-proceduri, hija baqghet ma ressqet l-ebda risposta fit-terminu moghti mil-ligi u lanqas deher xi rapprezentant jew xi difensur ghall-udjenza.

Ra illi matul l-udjenza ta' l-20 ta' April 2023, is-socjeta attrici iddikjarat illi kienet irceviet l-ammont pretiz fit-talba u ghaldaqstant is-sorte kien gie imhallas kollu.

Ra illi ghaldaqstant il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici kienet biss rigward l-ispejjez u l-imghaxijiet mitluba fl-istess talba.

Ra ix-xhieda ta' Louis Coleiro ta' l-20 t' April 2023 fejn iddikjara illi s-sorte kien gie imhallas kollu izda li kienu qed jitolbu li jithallsu ta' l-ispejjez.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta attrici kienet giet imhallsa f'zewg pagamenti l-ammont pretiz mis-socejta konvenuta u li ghaldaqstant dan it-Tribunal ma kienx ser jiehu aktar konjizzjoni tat-talba rigward is-sorte.

Illi l-fatt illi sar il-hlas matul il-kors ta' din il-kawza wasslet ghal ammissjoni ta' dejn li s-socjeta konvenuta kellha fil-konfront tas-socjeta attrici. Huwa ben magħruf li l-ħlas jippreżumi debitu. Illi in oltre, il-hlas huwa meqjus bhala evidenza mill-aktar qawwija minn kull evidenza oħra u dan in omaġġ tal-prinċipju li "confessio est probatio probatissima"

Illi finalment, għandu jkun indiskuss li l-konsegwenza naturali (sakemm ma tingħatax raġuni valida) ta' dan il-ħlas huwa l-indennizz tal-ispejjeż ġudizzjarji li saru propju għal-irkupru tad-dejn oriġinali. Dan sejjer jgħodd ukoll għal dak li jikkonċerna l-ħlas tal-imgħax, liema interessi ġew mitluba fl-Avviż.

Fis-sentenza fl-ismijiet Michael Fenech vs Joseph Cassar (Citazzjoni Numru. 504/1997/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Marzu 2004 reġa ġie ribadit hekk: "*Hu principju pacifikament akkolt illi l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju* (Kollez. Vol. XLI P I p612);"

Illi ghar-rigward ta' l-imghaxijiet, dan it-Tribunal jirrileva illi filwaqt li s-socjeta rikorrenti spjegat illi thallset f'zewg pagamenti s-sorte mitlub, qatt ma ngiebet prova ta' meta kien sar effettivament il-hlas sabiex l-imghaxijiet jigu limitati ghal dawn id-dati.

**Decide**

Għaldaqstant, t-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba ghal hlas tas-sorte stante illi dan gie imhallas, qieghed jilqa' t-Talba limitatament ghall-ispejjez u jikkundanna lis-socjeta konvenuta tħallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikant